**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit); M.A. (Melit).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 11 ta' Dicembru, 2020**

**Talba Nru: 189/2019PM1**

**Anthony Cassar u martu Angela Cassar**

**Vs**

**Mario Zammit u martu Pierina Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-24 ta' Lulju, 2019 permezz ta' liema l-atturi talbu li t-Tribunal jordna lill-konvenuti ihallsu s-sooma ta' €2678 ghal hsarat li sofrew fis-saqaf tal-garaxx taghhom li jinsab 62, Triq Zejtun, Tarzien u fl-ispare parts li kienu go fih kawza ta' perkolazzjoni tal-ilma mill-fond sovrastanti li huwa proprjeta` tal-konvenuti;

Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 9 ta' Settembru, 2019 permezz ta' liema l-intimati eccepew is-segwenti:

1. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.
2. Mhux minnu li l-eccipjenti ghandhom ihallsu xi ammonti, in linea ta' danni lill-atturi u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-kors ta' din il-kawza.

   Sabiex jippreservaw relazzjoni tajba mal-atturi girien taghhom, l-eccepjenti offrewlhom hlas shih u immedjat tas-somma shiha reklamata minnhom in linea ta' rifuzjoni ta' spejjez li l-atturi qalu li nkorrew biex sewwew il-hsarat fis-saqaf tal-garaxx taghhom. Meta l-atturi irrifjutaw dan il-hlas, l-eccepjenti ddepozitawh kontra l-atturi permezz ta' cedola fir-Registru tal-Qorti kompetenti (Cedola numru 429/2019) prezentata fit-18 ta' Frar, 2019)
3. Lanqas ma huwa minnu li l-eccipjenti jahtu ghal xi hsara f'possedimenti li l-atturi kienu jzommu f'dan il-garaxx.
4. F'kull kaz ma jirrikorrux l-element mehtiega sabiex tirrikorri r-responsabilta` akwiljana tal-eccipjenti fil-konfront tal-atturi, u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-kors ta' din il-kawza.

   Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-Perit Robert Borg Hayman u ta' Joseph Cortis u ra d-dokumenti ezebiti waqt is-seduta tat-3 ta' Dicembru, 2019.

Sema' x-xhieda tal-Perit Robert Borg Hayman u ta' Joseph Cortis in kontro-ezami waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu, 2020.

Ra n-nota tal-attur datata 10 ta' Lulju, 2020 bl-affidavit tieghu anness.

Ra n-nota tal-konvenuti datata 10 ta' Settembru, 2020 b'annessi l-affidavits ta' Pauline Vella u Stephen Seychell.

Sema' x-xhieda tal-attur in kontro-ezami waqt is-seduta tat-2 t'Ottubru, 2020.

Ra n-nota tal-konvenuti datata 14 t'Ottubru, 2020 b'annessi l-affidavits tal-istess konvenut u b'dokumenti annessi.

Sema' x-xhieda ta' Pauline Vella, Stephen Seychell u Mario Zammit waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru, 2020.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi tali kawza tirrigwardja talba ghall-kumpens ta' hsarat sofferti mill-atturi fil-proprjeta` taghhom konsegwenti ghall-perkolazzjoni ta' ilma mill-fond sovrastanti appartenenti lill-konvenuti. Il-konvenuti, da parti taghhom, wiegbu ghall-istess billi eccepew illi huma ma jahtux ghall-hsarat lamentati, ma jirrikorrux l-elementi mehtiega ghar-responsabilita` akwiljana da parti tal-istess konvenuti u li fi kwalunkwe kaz huma offrew u ghaddew sabiex jiddepozitaw fir-Registru tal-Qorti il-hlas shih li, fil-fehma taghhom, kien dovut minnhom f'tali rigward.

Illi mill-provi prodotti irrizulta kjarament li l-hsara mitluba mill-atturi hija rizultat ta' perkolazzjoni ta' ilma mill-fond tal-konvenuti ghall-garaxx tal-atturi fejn, oltre l-hsara strutturali ikkawzata, sofrew ukoll hsara xi *parts* tal-attur li kienu qed jigu mahzuna fl-istess garaxx. Dwar il-kawza tal-perkolazzjoni tal-ilma il-provi huma univoci. Huwa l-istess konvenut li f'dan ir-rigward jammetti illi : « *jiena mort lura d-dar biex nara nsibx minn fejn kien hiereg l-ilma u meta ma rajtu hiereg minn imkien, ghalaqt l-ilma li kien niezel mit-tank tal-bejt u mort lura nittawwal fil-garaxx tal-attur biex nara kienx ghadu niezel l-ilma. L-ilma pero` kien waqaf,* ***<u>allura ikkonkludejt li l-hsara kienet f'xi pajp mit-tank ta' fuq il-bejt ghal gol-kamra tal-banju.</u>*** *Minkejja dan, fil-kamra tal-banju ma kien*

*hemm ebda sinjal ta' tixrib jew ta' hriug ta' ilma, Jien cempilt mill-ewwel lill-plumber tieghi, certu Stephen Seychell, u spjegajtlu x'kien gara, u qalli li kien ser jigi jaghmel ix-xoghol l-ghada stess* » (affidavit tal-konvenut – enfazi mizjuda). Xehed ukoll il-plumber inkarigat mill-istess konvenuti sabiex isewwi l-hsara fil-proprjeta` taghhom li f'dan ir-rigward stqarr : « *Biex nipprova nnaqqas il-hsara ghand Mario, bdejt inkisser mill-faccata l-ohra tal-kantun, li tigi go kamra ohra fid-dar ta' Mario. U hemmhekk sibt pajp qed jillikja. Il-pajp kien tal-Acorn, pero` kif kien isir fiz-zmien meta saret il-kamra tal-banju – xi 15-il sena ilu – ma kienx hemm elbow u l-pajp stess kien imdawwar fil-kantuniera.* ***Filfatt, il-pajp ittaqqab minn fejn kien idur.*** (…) ***Kif lestejt ix-xoghol, l-ilma waqaf ghal kollox.***» (affidavit ta' Stephen Seychell – enfazi mizjuda) oltre l-persuna li l-ewwel intebhet bl-ilma li kien hiereg mill-garaxx tal-attur, certa Pauline Vella, u li minnufih ghazlet li tinforma lill-konvenut peress li « *l-garaxx mhux fit-triq taghhom* ». Huwa wkoll il-perit tekniku inkarigat mill-attur li jikkonferma li l-kagun tal-hsara rizultanti fil-garaxx tal-attur kienet rizultat dirett tal-perkolazzjoni tal-ilma mill-fond tal-konvenuti :

> « *The water leak occurred following the failure of a water pipe embedded in the walls of the bathroom of the overlying property. This pipe is now repaired as witnesses by the undersigned.* » (rapport peritali ezebit a fol. 20 u mmarkat bhala Dok. RBH1)

Illi f'dan ir-rigward jinsab deciz mill-Qrati Taghna li jinkombi fuq il-proprjetarju tal-fond li jiehu dawk il-mizuri kollha necessarji li jsiru minn kull *bonus paterfamilias* u dana sabiex jassigura ruhu li mhux biss ma ssirx hsara lill-proprjeta` tieghu stess imma wkoll li l-ebda aspett tal-proprjeta` tieghu ma tirreka hsara lil terzi. Dan ukoll gie ritenut applikabbli fir-rigward ta' hsara naxxenti minn perkolazzjoni tal-ilma naxxenti minn pajp fejn gie allegat li sid il-fond li fih kien jinsab tali pajp ma seta' jaghmel xejn da parti tieghu sabiex jipprevjeni l-hsara rizultanti :

> « *Il-prova tal-fatt tal-manutenzjoni xierqa tieghu kienet inkombenti fuq il-konvenut appellat. Fid-deposizzjoni tieghu, skematikament riportata a fol 66,*

> *il-konvenut jghid li hu jiehu hsieb hafna l-fond pero` ma kienx jiftakar meta kien l-ahhar darba li nbidel il-pipe. Issa anke ghal min hu profan l-indikazzjonijiet huma (anke minn ezami tal-pipe esebit fol 86) li jew il-pipe ma kienx installat sew jew ma saru l-ebda kontrolli dwaru minn zmien ghal zmien biex jigi accertat l-istat u l-kondizzjoni tieghu. Kontrolli dawn li kienu necessarji li jsiru minn kull 'bonus paterfamilias' sid ta' fond biex jilqa' ghal kull hsara possibbli mhux biss lil hwejgu izda fuq kollox dawk tat-terzi.*
>
> *Dan premess, irid jigi notat ukoll illi kif pacifikament akkolt, "quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenza della propria azione od ommissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto" (Kollez. Vol. XXIV pI p172). Mir-rizultanzi processwali anke fuq il-kriterju l-aktar baxx tal-probabilita`, hekk ritenut sufficcjenti f'kawza civili ghad-danni, din il-Qorti, bl-invers tat-Tribunal, hi sodisfatta minn ness prossimu bejn kawza u effett biex tkun tista' takkolla r-responsabilita` fuq il-konvenut appellat.*" (**Giovanni Vella v. Michael Cilia** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-23 ta' Gunju, 2004)

Konsegwentement ghas-surreferit it-Tribunal isib li f'dan il-kaz ukoll, ghalkemm ma jidher li kien hemm ebda rizultat manifest u vizwali ta' tali perkolazzjoni fil-proprjeta` tal-konvenut, il-konvenut xorta wahda ghandu jigi ritenut responsabbli ghal tali perkolazzjoni ta' ilma naxxenti mill-proprjeta` tieghu. Huwa minnu li l-ilma kien derivat minn pajp mghoddi fil-hajt fil-proprjeta` tal-konvenut. Jista' jkun minnu wkoll li, kif stqarr il-plumber, fiz-zmien illi fih gie mghoddi tali pajp ix-xoghol kien sfortunatament isir (ukoll) b'dan il-mod u kwindi, kif xehed l-istess Seychell permezz tal-affidavit tieghu, « *din it-tip ta' hsara niltaqa' maghha hafna drabi, partikolarment fuq xoghol li sar fiz-zmien li saret il-kamra tal-banju ta' Zammit* ». Madanakollu dan m'huwiex sufficjenti sabiex jeskludi l-htija tal-konvenut ghall-akkadut. Fil-kaz odjern ukoll kien jinkombi fuq il-konvenut li

jaghmel dak kollu fil-poter tieghu sabiex jevita l-hsara mhux biss lill-proprjeta` tieghu imma wkoll lill-proprjeta` sottostanti ghalih, inkluz allura li jwettaq il-manutenzjoni kollha necessarja relattiva ghall-utilitajiet tieghu *multo magis* jekk dawn kienu ilhom stallati diversi snin skont uzanzi llum ritenuti qodma. Irrizulta mill-provi li din ma kenitx l-ewwel okkazzjoni li l-partijiet kellhom xi jghidu minhabba perkolazzjoni ta' ilma jew materjal dejjem provenjenti mill-proprjeta` tal-konvenuti ghal-dik tal-atturi. Tali incidenti, oltre l-mod li bih il-pajpijiet jidhru li gew mghoddija mill-proprjeta` tal-konvenut, kellhom ikunu sufficjenti sabiex jallarmaw lill-konvenuti biex iwettqu da parti taghhom il-kontrolli kollha preventivi mehtiega minnhom bhala *bonuspaterfamilias* in linea mal-kazistika surreferita. Jidher li l-konvenuti stess huma konsapevoli tar-responsabilita` taghhom tenut kont li huma offraw il-hlas ta' somma ghas-saldu lill-atturi u, wara li dawn irrifjutawha, ghaddew sabiex jiddepozitaw is-somma ta' €753.10 rapprezentanti l-hsara li ghaliha, skont huma, huma ghandu jigi ritenut responsabbli (ara f'dan is-sens kopja tac-cedola ezebita fol. 65 tal-process).

Illi jirrizulta car li l-konvenuti qeghdin ukoll jikkontestaw in-ness kawzali bejn il-hsara sofferta mill-atturi fir-rigward ta' *parts* ta' vetturi li kienu jinsabu stivati fil-garaxx taghhom meta dahal l-ilma u l-perkolazzjoni ta' ilma mill-proprjeta` tal-istess konvenuti. F'dan ir-rigward il-konvenut xehed, permezz tal-affidavit tieghu, li « (z)*gur li l-ilma li lahaq hareg fil-garaxx matul lejl wiehed – ghax l-ghada filghodu ghalaqt is-supply u waqaf l-ilma – ma seta' bl-ebda mod ikkawza l-hsara fil-parts li qed jippretendu kumpens taghha l-attur*. »

Illi ghandu jinghad illi, fir-rigward tal-mod illi bih it-Tribunal odjern ghandu jifli u jevalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, l-art. 9(2)(b) tal-**Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar** jipprovdi kjarament li t-Tribunal:

> "*għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun*

*sodisfatt lix-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqtal-każ li jkun qed jittratta*".

Illi, tenut kont tas-surreferit, it-Tribunal ghandu jifli l-provi prodotti proprju fil-kuntest ta' dak li jinsab in kontestazzjoni bejn il-partijiet. F'dan ir-rigward jinsab b'mod partikulari kontestat mill-konvenut li hemm nieqes il-prova tan-ness kawzali bejn l-event dannuz u l-hsara mertu tat-talba odjerna u dana ghaliex ghandu jigi ritenut inverosimili jekk mhux impossibbli li l-oggetti mahzuna fil-garage tal-atturi jispiccaw danneggjati kawza tas-sadid kif jidhru fir-ritratti ezebiti mis-*surveyor* u dana bhala kawza ta' skular ta' ilma fuq medda ta' lejl wiehed. It-Tribunal ma jistax ma jinnutax li, lilhinn mill-opinjoni persunali ta' parti jew ohra f'dawn il-proceduri u lilhinn ukoll minn dak li parti jew ohra tista' tqis verosimili jew possibbli, ghandha tinghata d-debita importanza lill-esperti teknici li xehdu f'dawn il-proceduri senjatament lis-*surveyor* li kwantifika il-valur tal-*parts* li l-hsara taghhom qed tigi kkontestata. F'dan ir-rigward huwa xehed b'mod car hafna quddiem it-Tribunal:

"*Qed nigi mistoqsi kemm idum biex ikun hemm dak li qed jigi deskritt bhala sadid jew corrosion fir-rigward ta' dawn il-parts li r-ritratti tahhom jinsabu annessi mar-rapport tieghi nghid li dan jiddependi mill-materjal li jkun. Jekk ikollok materjal tal-isteel nghid li x'aktarx illi dan lanqas biss ikun ... ikun hemm stainless steel lanqas biss ikun imsaddad pero'* ***<u>fil-kas ta' materjal bhal ma huwa l-mild steel il-corosion u l-oxygenisation tieghu tista ssehh kwazi minnufih ezatt kif dan imiss mal-ilma</u>***. *Nghid li filfatt dan il-mild steel jintuza f'vetturi antiki, nghid li f'dan ir-rigward fil-fatt dan kien il-materjal li kien qed jigi wzat fir-rigward ta' vettura partikolari qed nghid li din il-vettura bejn wiehed u iehor kienet ilha kostruwietha madwar hamsin sena.* (…)

*Qed nigi mistoqsi kemm idum sabiex jitrabba s-sadid li jidher fir-ritratt nghid li ghal dan jiena diga wegibt. Din it-tip ta' molla jiena nikkunsidraha b'mod generiku bhala maghmula minn mild steel avolja jkollha certu hardening fiha u ghaldaqstant dak li xhedt qabel japplika wkoll fir-rigward ta' din il-molla.*

***Nghid li dan it-tip ta' sadid tarah wara ftit granet, nghid li jista jkun li wara gimgha jitrabba s-sadid li jidher fir-ritratt.***" (enfazi mizjuda)

It-Tribunal ma jsib ebda raguni li tista' twassal sabiex tali xhieda tigi skartata. Jibda sabiex jinghad li x-xhud zamm ferm mal-posizzjoni tieghu tul ix-xhieda kollha tieghu anke in kontro-ezami serrat imwettaq mid-difensur legali tal-konvenuti. Fuq kollox is-surveyor Cortis huwa l-uniku espert fil-materja li xehed f'dawn il-proceduri u x-xhieda tieghu baqghet qatt ma giet kontraddetta minn ebda persuna jew espert iehor inkarigat minn parti jew minn ohra f'dan ir-rigward. Fil-fatt il-konvenuti ma ressqux ebda prova teknika li tista' sservi sabiex timmina l-verzjoni moghtija mis-surveyor Cortis. Ghaldaqstant qajla jistghu l-istess konvenuti jippruvaw igiddbu tali verzjoni abbazi ta' meri supposizzjonijiet da parti taghhom, *multo magis*, meta x-xhieda tas-surveyor Cortis hija intiza sabiex proprju teskludi tali supposizzjonijiet.

Illi huwa minnu wkoll li s-surveyor jistqarr ukoll li huwa ma rax il-parts qabel il-jum illi fih rahom bil-hsara u li ma jeskludix li certu hsara irrizultat minn umdita` jew min-nuqqas ta' uzu. Madanakollu, mill-provi prodotti irrizulta kjarament li, ghalkemm il-parts kienu ilhom mixtrija, il-kundizzjoni taghhom kienet perfetta (f'dan is-sens il-verzjoni mhux kontraddetta tal-attur in kontro-ezami waqt is-seduta tat-2 t'Ottubru, 2020) qabel l-incident mertu tal-azzjoni odjerna. Ghalkemm tali parts kienu jinsabu mal-art, l-art tal-garaxx tal-konvenuti hija mghottija bil-madum tac-ceramika u l-parts kienu merfughin mill-art permezz ta' pellets (xhieda tal-konvenut waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru, 2020) jew almenu kartun (skont ix-xhieda tal-attur moghtija waqt is-seduta tat-2 t'Ottubru, 2020).

Illi sar ukoll tentattiv da parti tal-konvenuti li jippruvaw jirreferu ghall-possibilita` li l-hsara sehhet f'incident anterjuri ghal dak mertu tal-kawza fejn jidher li kien skula, dik id-darba, xi drenagg fil-proprjeta` tal-atturi. Madanakollu l-atturi wiegbu ghal din l-allegazzjoni wkoll billi fissru li l-hsara fil-parts hija necessarjament konsegwenti ghall-incident mertu tal-kawza odjerna u dana ghaliex "*id-drenagg hareg minn quddiem u mhux minn wara u kwindi l-materjal li skula, skula minn post differenti*" (ara f'dan is-sens ix-

xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tat-2 t'Ottubru, 2020). Hekk ukoll, lanqas jistghu il-konvenuti ragjonevolament jikkontendu li huma m'ghandhomx jigu kkundannati ihallsu ghall-hsara reklamata mill-atturi ghaliex dawn messhom ma haznux il-parts mertu tal-kawza fil-proprjeta` taghhom (skont ix-xhieda tal-konvenut in kontro-ezami: "*jekk tassew dawn l-oggetti li gew imhassrin huma ta' valur, dawk l-oggetti suppost tqieghdu x'imkien iehor u mhux thallew hemmhekk fil-garaxx iktar u iktar jekk thallew mal-art*" – xhieda tal-konvenut moghtija in kontro-ezami fid-9 ta' Novembru, 2020). Id-dritt ta' proprjeta` fih innifsu jikkomprendi id-dritt tal-proprjetarju li juza liberament il-fond tieghu (kjarament entro l-limiti tal-obbligi legali tieghu) u kwindi l-attur kien fil-liberta` kollha li jutilizza il-garaxx tieghu ukoll billi jahzen fih il-*parts* relattivi ghad-delizzju tieghu tal-karozzi anke ghaliex b'tali agir da parti tieghu ma kien qed jilledi ebda dritt ta' terzi. Jekk, min-naha l-ohram kien hemm obbligu, certament li dan kien dak li jinkombi fuq il-konvenuti illi jwiegbu ghall-hsara li torigina mill-proprjeta` taghhom anke jekk mhux volontarjament ikkawzata minnhom u certament mhux li l-atturi jigu prekluzi milli jutilizzaw il-proprjeta` taghhom kif koncess lilhom mill-ligi fil-biza' li l-konvenut inadempjenti jikkawzalhom hsara fil-proprjeta` taghhom.

Illi tenut kont tas-surreferit it-Tribunal isib li l-atturi irnexxielhom jippruvaw it-talba taghhom almenu fuq bilanc ta' probabiltajiet u dana limitatament fis-sens li l-hsara mertu tal-azzjoni odjerna hija tassew almenu naxxenti mill-perkolazzjoni tal-ilma li sehhet mill-fond tal-konvenuti.

Illi lilhinn mis-surreferit pero` jinkombi wkoll fuq it-Tribunal l-obbligu li jiddetermina jekk hemmx lok ta' kontributorjeta` da parti tal-atturi ghall-hsara lamentata minnhom tenut kont ukoll l-obbligu li jinkobi fuqhom dawk l-atti kollha ragjonevoli intizi sabiex jimminimizzaw kemm jista' jkun id-dannu rekat lilhom. Is-surveyor acceda fuq il-post fil-20 ta' Dicembru, 2018 (f'dan is-sens ir-rapport redatt minnu bl-istess datat u ezebit bhala Dok. SC1 a fol. 24 tal-process) wara li sehh l-incident mertu tal-kawza meta, skont kif dikjarat mill-attur stess, il-parts baqghu mhux ixxuttati ("***<u>Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li jiena lanqas ma xxuttajthom jew missejthom b'xi mod dawn il-parts.</u>***" xhieda

tal-attur in kontro-ezami waqt is-seduta tat-2 t'Ottubru, 2020). F'dan ir-rigward it-Tribunal isib li tenut kont il-mghoddija taz-zmien bejn id-data tal-incident u l-data li fiha s-surveyor spezzjona l-parts mertu tal-kawza, kien certament jinkombi fuq l-istess attur, li jaghmel dak kollu fil-poter tieghu sabiex jara li jimminimizza d-dannu u jara li d-dannu rekat ma jkomplix jikber. Huwa car li, skont ix-xhieda tal-istess surveyor Cortis, il-hsara fil-*mild steel* kawzata mill-ilma li nizel ghal fuq tali parts u li jwassal ghal *corrosion* pressokke` immedjata, certament li tkompli tigi aggravata jekk ma jsirx dak kollu mehtieg sabiex l-umdita` kkawzata minn tali tixrib tigi kemm jista' jkun eliminate minnufih. Ma jidhirx li l-ixxuttar ta' tali parts kien jinvolvi xi piz sproporzjonat fuq l-attur; anzi dan kien proprju l-minimu li wiehed kien jistenna sabiex tigi evitata hsara ulterjuri. Kif inghad huwa l-istess attur li f'dan ir-rigward jistqarr li l-parts hallihom imxarrbin zgur sakemm rahom is-surveyor Cortis sitt ijiem wara li dahal l-ilma ghandu minghand il-konvenuti (f'dan is-sens ir-rapport tal-Pulizija ezebit a fol. 29 jirreferi ghad-data tal-14 ta' Dicembru, 2018 bhala d-data tal-incident). It-Tribunal ikollu allura tabilfors isib li, avut rigward ghax-xhieda cara tas-surveyor Cortis kif hawn fuq diga` riportata, tali nuqqas da parti tal-atturi certament li kkontribwixxa ghall-hsara riskontrata mill-istess surveyor madwar sitt ijiem wara li sehh l-incident u matul liema zmien allura l-parts thallew imxarrbin mill-istess atturi.

Illi, tenut kont tas-surreferit, it-Tribunal ikollu tabilfors isib li l-atturi ikkontribwew ghall-hsara lamentata minnhom stess proprju bin-nuqqas taghhom li jixxottaw il-parts imxarrbin bil-konsegwenza li dawn thallew ikomplu jissaddu. Tenut kont tal-fatt li, skont is-surveyor Cortis tali sadid jirrizulta f'certu kazi minnufih kif il-*mild steel* imiss mal-ilma u f'kazijiet ohrajn ftit granet wara li l-istess hadid imiss u jibqa' espost ghall-ilma (xhieda ta' Cortis in kontro-ezami waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu, 2020), it-Tribunal qieghed jiddetermina, avut rigward ghall-prospett tad-danni ezebit mill-istess atturi u wkoll ghar-rapport u ghax-xhieda tas-surveyor Cortis li l-partijiet jahtu f'ishma ugwali ghall-hsara riskontrati fl-istess *parts*.

Konsegwentement ghas-surreferit, it-Tribunal ser jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ispejjez kollha naxxenti mid-danni strutturali sofferti mill-garaxx taghhom

bhala konsegwenza tal-perkolazzjoni tal-ilma u l-ispejjez peritali oltre nofs l-ispejjez relatati mill-parts msaddin u nofs l-ispejjez tas-surveyor appuntat f'tali rigward. Skont il-prospett ezebit mill-atturi stess il-konvenuti (Dok. AC1 a fol. 19 tal-process) huma kwindi tenuti jhallsu s-somma ta' €620, €85 rapprezentanti spejjez peritali, nofs €1783 u €35 (nofs €70 imhallsa lis-surveyor Cortis) ghas-somma globali ta' €1631.50

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' limitatament it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti sakemm kompatibbli mas-surreferit, jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, isib li l-konvenuti jahtu ghall-hsarat strutturali u ghal nofs il-hsara relattiva ghall-*parts* mertu tal-kawza, konsegwentement jilqa' l-limitatament u sakemm kompatibbli mas-surreferit it-talba attrici u kwindi jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf, sitt mija u wiehed u tletin euro u hamsin centezmi (€1631.50) in rapprezentanza ta' kumpens ta' danni inkorsi mill-istess atturi ikkagunati mill-konvenuti bl-imghax legali fuq is-somma hekk likwidata mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez jigu spartiti in kwantu ghal terz (1/3) mill-atturi u in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenuti.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil. M.A. (Melit.)**

**Gudikatur**